

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 154/2012

tat-28 ta' Settembru 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I għall-Ftehim ŻEE. Din id-Deċiżjoni għaldaqstant m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

Billi:

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/648/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE dwar l-inklużjoni tal-Belġju fil-lista tal-Istati Membri li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

Il-Kapitolu I tal-Anness I għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/879/UE tal-21 ta' Diċembru 2011 li temenda l-Annessi II u IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 9 (Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-parti 4.1 u fil-punt 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-parti 8.1:

— **32012 D 0112:** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/112/UE tas-17 ta' Frar 2012 (ĠU L 50, 23.2.2012, p. 51)."

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/112/UE tas-17 ta' Frar 2012 li temenda l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-annimali minn azjendi u annimali, semen, ova u embrijuni minn entitajiet, istituti jew ċentri approvati ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 84 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE) fil-Parti 4.2:

— **32011 D 0648:** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/648/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 260, 5.10.2011, p. 19)."

(4) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-leġislazzjoni rigward annimali ħajjin għajr il-ħut u l-annimali tal-akkwakultura u prodotti tal-annimali bħall-ova, l-embrijun u s-semen. Il-leġislazzjoni li tirrigwarda dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Islanda.

3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 3a (Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KEE) fil-parti 8.1 u fil-punt 4a (Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE) fil-parti 4.1:

— **32011 D 0879:** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/879/UE tal-21 ta' Diċembru 2011 (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 105)."

(5) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/648/UE, 2011/879/UE u 2012/112/UE bil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 260, 5.10.2011, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 343, 23.12.2011, p. 105.

⁽³⁾ ĠU L 50, 23.2.2012, p. 51.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.